



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13056/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0318(BUD)

FIN 1012

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 351 final
Suġġett:	Proposta għal ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 5 GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2022: Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna Tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament u aġġornament tad-dħulijiet Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 351 final.

Mehmuż: COM(2022) 351 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.10.2022
COM(2022) 351 final

2022/0318 (BUD)

Proposta għal

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 5
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2022**

**Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna
Tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni
Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament u aġġornament tad-dħulijiet
Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)², u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif adottat fl-24 ta' Novembru 2021³,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2022⁴, adottat fil-5 ta' April 2022,
- il-baġit emendatorju Nru 2/2022⁵, adottat fit-23 ta' Ġunju 2022,
- il-baġit emendatorju Nru 3/2022⁶, adottat fl-14 ta' Settembru 2022,
- L-abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2022⁷, adottat fl-1 ta' Lulju 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5 tal-baġit tal-2022.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsimi Indivdwal III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

³ ĠU L 45, 24.2.2022.

⁴ ĠU L 142, 20.5.2022.

⁵ ĠU L 230, 5.9.2022.

⁶ ĠU L xx, xx.x.2022.

⁷ COM(2022) 350, 1.7.2022.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5 għas-sena 2022 huwa li jaġġorna n-naħat tan-nefqa u tad-dħul tal-baġit għall-finijiet li ġejjin:

- Biex jiġi inkluż il-finanzjament tat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz ta' Akkwist Komuni (EDIRPA) biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti u kritiċi fid-difiża permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar l-akkwist komuni, għal ammont ta' EUR 83 miljun mill-marġni fl-intestatura 5.
- Li jissaħħu l-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP), sabiex l-Istati Membri jiġu rimborżati wara sensiela ta' tifqigħat tal-Influenza tat-Tjur b'Patoġeniċità Għolja u tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer, għal ammont ta' EUR 73,8 miljun.
- Li jantiċipa u jsahha il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), sabiex ikompli jidderieġi l-assistenza in natura lill-Ukrajna. Barra minn hekk, il-ħelikopters u ajruplani ħfief oħra se jinkrew biex tiżdied it-tnejn tal-Unjoni għat-tifi tan-nar mill-ajru fl-2023 u jitħaffef l-akkwist ta' kapaċitajiet permanenti mill-ajru. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tippromponi li tuża l-marġni sħiħ li jifdal fis-subintestatura 2b (EUR 130,8 miljun) kif ukoll xi approprjazzjonijiet mhux użati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) (EUR 7,8 miljun b'kollox).
- Li tissaħħa il-kontribuzzjoni tal-UE liċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) biex jiġu evitati diffikultajiet operazzjonali, għal ammont ta' 0,7 miljun mill-marġni fl-intestatura 5.
- Biex tissaħħa in-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet fl-intestatura 7 għal ammont ta' EUR 163 miljun bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'rata mgħaġġla.
- Li jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-EU4Health b'EUR 775 miljun u EUR 129,2 miljun rispettivament. Dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit-“Trasferiment globali” (DEC 16/2022) ippreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru.
- Filwaqt li jitqies id-dewmien fl-approvazzjoni ta' mandat ġdid “ReFuelEU Aviation” għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), huwa propost li l-ammont korrispondenti mir-riżerva jiġi rritornat għal-linja tat-trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li minnha ġie kkumpensat.
- Biex jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll biex jiġi inkorporat l-impatt tad-differenzi fir-rati tal-kambju.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan id-ABE fuq in-nefqa tammonta għal żieda ta' EUR 447,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u fi tnaqqis ta' EUR 741,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa tnaqqis nett fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 3 779 miljun.

2. TISĦIĦ TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAD-DIFIŻA PERMEZZ TAL-ATT DWAR L-AKKWIST KOMUNI (EDIRPA)

L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzat b'mod drammatiku l-ħtieġa għal aġġustament tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) għal bidla strutturali u għal aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-akkwist tad-difiża. Biex tindirizza l-aktar lakuni urġenti u kritiċi fid-difiża, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi strument iddedikat fuq terminu qasir, l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwist Komuni, b'pakkett finanzjarju totali ta' EUR 500 miljun għall-perjodu mill-2022 sal-2024⁸. L-appoġġ finanzjarju tal-UE li għandu jsir disponibbli permezz tal-istrument il-ġdid għandu jstimula l-akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża li jinvolvi diversi Stati Membri u jkun ta' benefiċċju għall-EDTIB filwaqt li jiżgura li l-forzi armati tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu, b'sigurtà tal-provvista u interoperabbiltà akbar.

F'konformità mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, dan l-ABE jipproponi li tinholq linja baġitarja ddedikata għan-nefqa operazzjonali u li jiġu allokati fir-riżerva EUR 83 miljun mill-marġni mhux allokati li jifdal f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) fl-2022. Meta mqabbel mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, ammont ta' madwar EUR 0,7 miljun huwa propost li jiġi inkluż fl-2023, sabiex jitħalla spazju għal tisħiħ neċessarju tal-EMCDDA fl-2022 mill-marġni disponibbli taħt l-intestatura 5. Filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ biex jinbdew l-operazzjonijiet, il-ħtiġijiet ta' pagament għall-istrument ta' difiża fuq terminu qasir se jsegwu fl-2023 u fis-snin ta' wara. Il-bidliet relatati mar-rimarki tal-baġit huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
13 06 01	Strument għad-Difiża għal żmien qasir dwar l-akkwist komuni	p.m.	p.m.
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (<i>Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 06 01</i>)	82 972 301	p.m.
Total		82 972 301	p.m.

3. IKEL U GĦALF

Il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP) tiffinanzja miżuri ta' qerda strutturali kif ukoll miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra tifqigħat ta' mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, li għalihom tikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri. Wara sensiela ta' tifqigħat severi tal-Influenza tat-Tjur b'Patoġeniċità Għolja u tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fl-Istati Membri, il-Kummissjoni trid tirrimborża lill-Istati Membri għan-nefqa li diġà ġarrbu fis-snin 2019 u 2020. L-ispiża totali tammonta għal kważi EUR 190 miljun, li minnhom madwar nofshom diġà tħallu permezz ta' prefinanzjament. Minħabba l-iskala tal-ħtiġijiet, inkluż għal tifqigħat reċenti, il-baġit tal-2022 għal miżuri ta' emerġenza ta' EUR 19-il miljun huwa fil-biċċa l-kbira insuffiċjenti.

F'dan l-isfond, sabiex jiġu rispettati l-obbligi legali lejn l-Istati Membri li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ta' għotja diġà ffirmati, qed jiġi propost li jissaħħu l-fondi disponibbli għal miżuri ta' emerġenza fil-baġit tal-2022 b'EUR 73,8 miljun. Żewġ sorsi ta' riallokazzjoni ġew identifikati fl-intestatura 1 (Suq uniku, innovazzjoni u diġitali) għal ammont totali ta' EUR 3,8 miljun, li jirriżultaw minn introjtu oġġla milli mistenni mit-tariffi għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u ffrankar għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li tiffinanzja EUR 70 miljun mill-marġni mhux allokati taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-

⁸ COM(2022) 349, 19.7.2022.

intestatura 1. L-appropriazzjonijiet ta' pagament diġà disponibbli fil-baġit tal-2022 huma stmati li huma adegwati.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti	73 797 689	0
03 10 01 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	- 2 500 000	0
03 10 01 02	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Aktivitajiet fil-qasam tal-leġislazzjoni dwar il-bijoteknoloġija	- 1 000 000	0
03 10 04	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	- 297 689	0
Total		70 000 000	0

4. IT-TISĦIĦ TAL-UCPM TAL-KAPAĊITÀ TA' REAZZJONI GĦALL-ĠLIEDA KONTRA N-NIRIEN FIL-FORESTI

Il-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) jiffinanzja miżuri kruċjali ta' protezzjoni ċivili, inkluż it-tifi tan-nar fil-foresti. Fis-sajf tal-2022, in-nirien fil-foresti bdew qabel is-sinjura preċedenti u kellhom intensità akbar. In-nirien fil-foresti jirriskjaw li jespandu għal żoni li qabel ma kinux esposti u jikkawżaw imwiet fost in-nies tat-tifi tan-nar kif ukoll qerda kbira ta' proprjetajiet u telf fuq skala kbira ta' żoni naturali protetti. Skont l-ambjent naturali, in-nirien fil-foresti kellhom karatteristiċi u kobor differenti; minbarra l-inġenji tal-ajru kbar, kapaċità effettiva tat-tifi tan-nar tirrikjedi tagħmir flessibbli bħal ajruplani ħfief, elikopters u assi tal-art biex ilaħħqu ma' ċirkostanzi li jvarjaw. Id-disponibbiltà limitata ta' dawn il-kapaċitajiet speċjalizzati tibqa' dgħufija kbira għar-rispons tal-UE għall-kriżijiet.

Fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea ta' din is-sena, il-President Von der Leyen ħabbret l-intenzjoni li tirdoppja l-kapaċitajiet tat-tifi tan-nar mill-ajru tal-UE b'għaxar inġenji tal-ajru amfibji ħfief addizzjonali u tliet elikopters. It-tisħiħ tal-flotta tal-ajru l-ewwel se jiġi żgurat permezz ta' kiri temporanju sabiex tiġi ggarantita d-disponibbiltà ta' dawn il-kapaċitajiet addizzjonali għas-sjuf tal-2023 u l-2024. Fl-istess ħin, flotta permanenti ta' mezzi tal-ajru, li l-akkwist tagħha beda, se tiġi aċċellerata biex tiżdied it-tiejjija għal nirien futuri. Din il-flotta permanenti se ssir disponibbli progressivament bejn l-2024 u l-2030.

B'mod parallel, l-assistenza kontinwa tal-UCPM lin-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna għandha tiġi żgurata għall-aħħar xhur ta' din is-sena. Minħabba l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ħtiġijiet, it-tisħiħ li sar disponibbli din is-sena mhuwiex biżżejjed.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tiffinanzja dawn l-azzjonijiet permezz tat-tisħiħ u l-forniment minn qabel tal-ħtiġijiet baġitarji fl-ABE 5/2022 attwali (EUR 138,6 miljun) u fl-Ittra Emendatorja 1/2023 għall-Abbozz tal-Baġit 2023 (EUR 41,4 miljun), it-tnejn ippreżentati lill-Parlament u lill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2022. L-ammont globali ta' EUR 180 miljun matul l-2022-2023 jikkonsisti f'EUR 10 miljun għal attivitajiet u ċentri tal-UCPM (fir-rigward tal-assistenza mogħtija lill-Ukrajna), EUR 55 miljun għat-tiejjija kontra n-nirien staġjonali fil-foresti 2023–2024, b'mod partikolari l-kiri ta' elikopters u ajruplani ħfief, EUR 90 miljun għax-xiri ta' elikopters u EUR 25 miljun għax-xiri ta' inġenji tal-ajru tqal. Ix-xiri tal-elikopters u l-inġenji tal-ajru kien diġà previst fil-programmazzjoni inizjali, iżda huwa propost li jitħaffef l-iżvilupp tal-flotta permanenti tar-rescEU, li għaliha l-ammont ta' EUR 115-il miljun se jiġi kkompensat bi tnaqqis korrispondenti fl-2026 u fl-2027.

It-tisħiħ tal-2022 f'appropriazzjonijiet ta' impenn ikopri l-komponenti li ġejjin:

- EUR 10 miljun biex tiġi allokata assistenza in natura mill-Istati Membri lill-Ukrajna kif ukoll biex jiġu żgurati evakwazzjonijiet mediċi;
- EUR 28 miljun biex tissaħħaħ it-tnejn tal-UE għan-nirien staġjonali fil-foresti tal-2023 b'mod partikolari billi tibda l-kiri ta' inġenji tal-ajru ħfief u ta' elikopters. Dan se jnaqqas ukoll id-distakk sakemm il-flotta tal-ajru tar-rescEU permanenti tkun qed taħdem (ara l-punt hawn taħt);
- EUR 100,6 miljun biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' flotta permanenti tar-rescEU permezz tal-akkwist mill-Istati Membri ta' inġenji tal-ajru tqal u elikopters tal-UCPM. Skont l-ippjanar attwali, il-flotta se ssir disponibbli progressivament bejn l-2026 u l-2030. Il-frontloading ta' dan l-ammont jgħin biex jiġi jithaffet l-akkwist sabiex l-ewwel elikopters ikunu diġà jistgħu jsiru disponibbli fl-2024/2025 u l-inġenji tal-ajru tqal jkunu ordnati u kkonsenjati aktar malajr. L-ammont ta' EUR 100,6 miljun se jiġi kkompensat bi tnaqqis korrispondenti fl-2026 u l-2027.

Ġew identifikati żewġ sorsi ta' riallokazzjoni f'appropriazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-2022 taħt is-subintestatura 2b, li minnhom EUR 6,2 miljun ġejjin mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Dan jirrifletti applikazzjonijiet aktar baxxi milli kien stmat inizjalment għal prodotti mediċinali orfni, dħul oġġa mill-miżati fuq applikazzjonijiet oħra u implimentazzjoni kemxejn differita tal-mandat estiż. EUR 1,5 miljun oħra huma relatati mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li jirriżulta minn spejjeż ta' traduzzjoni aktar baxxi marbuta mal-maturità tal-fajls tal-kawżi u spejjeż ta' investigazzjoni aktar baxxi. Għall-ammont li jifdal ta' EUR 130,8 miljun, il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-marġni sħiħ mhux allokat taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-subintestatura 2b (Reżiljenza u valuri). L-ebda appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali ma huma mitluba għall-UCPM fl-2022, filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament relatati mal-EMA u l-UPPE huma inklużi fit-"Trasferiment globali" (DEC 16/2022).

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
06 05 01	Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	138 569 459	0
06 10 03 01	Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	- 4 754 000	0
06 10 03 02	Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni	- 1 476 000	0
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	- 1 525 000	0
Total		130 814 459	0

5. IĊ-ĊENTRU EWROPEW Għall-MONITORAĠĠ TAD-DROGA U D-DIPENDENZA FUQ ID-DROGA (EMCDDA)

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE għall-EMCDDA b'ammont ta' EUR 0,7 miljun mill-marġni mhux allokat li jifdal taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 5 (Sigurtà u Difiża). Dan it-tisħiħ huwa meħtieġ biex jiġi evitat aktar tnaqqis fid-daqs tal-attivitajiet ewlenin biex ilaħħqu maż-żieda fl-ispejjeż tas-salarji. It-tisħiħ tal-baġit mitlub se jippermetti wkoll lill-aġenzija tagħmel investimenti ewlenin fl-ICT għaċ-ċibersigurtà.

Rinfurzar korrispondenti tal-prijoritizzazzjoni tal-pagamenti ġie propost mill-Kummissjoni fit-"Trasferiment globali" (DEC 16/2022).

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
12 10 03	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	700 000	0
Total		700 000	0

6. L-AĠENZIJA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA (EASA)

Il-proposta ReFuelEU Aviation⁹ għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli, li jinvolvi kompiti addizzjonali għall-EASA, b'mod partikolari biex tipprovdi *data* dwar l-irfiġh tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Sakemm tiġi adottata l-proposta leġislattiva, il-baġit tal-2022 jinkludi ammont speċifiku għal dan l-għan fuq il-linja ta' riżerva ta' EUR 1,8 miljun. Minħabba d-dewmien osservat fil-proċess leġislattiv, huwa propost li l-ammont korrispondenti jiġi rritornat lill-Artikolu 02 03 01 tal-baġit tat-trasport tas-CEF, li minnu ġie kkumpensat inġustament.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
02 03 01	Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport	1 800 000	1 800 000
30 02 02	Approprijazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 02 10 01)	-1 800 000	-1 800 000
Total		0	0

7. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

L-inflazzjoni għolja u l-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew malajr għandhom impatt kbir fuq in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet, kif ukoll fuq il-pensjonijiet u l-iskejjel Ewropej. Il-Kummissjoni ppruvat trażżan in-nefqa amministrattiva tagħha billi żżomm politika stabbli tal-persunal dejjem aktar diffiċli u billi tapplika kemm jista' jkun tnaqqis sostanzjali fin-nefqa mhux relatata mas-salarji, bħal laqgħat u missjonijiet.

Bl-istess mod, l-istituzzjonijiet l-oħra għamlu l-isforzi kollha possibbli biex ikopru ħtiġijiet addizzjonali permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti u billi pposponew l-investimenti mhux obbligatorji. Madankollu, huwa meħtieġ li tissaħħaħ in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Ombudsman Ewropew, li għalihom ma huwa meħtieġ l-ebda tisħiħ.

Dan it-tisħiħ huwa partikolarment meħtieġ biex jittieħed kont tal-aġġornament mistenni tas-salarji għall-2022. F'konformità mal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea hija aġġornata kull sena, fid-dawl ta' rapport ippreżentat mill-Kummissjoni, abbażi ta' *data* statistika mħejjija mill-Eurostat bi qbil mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, li jirriflettu s-sitwazzjoni fl-Istati Membri fl-1 ta' Lulju. Il-kalkolu tal-aġġornament huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' paralleliżmu bejn l-evoluzzjoni tar-remunerazzjoni reali (netta mill-inflazzjoni) tal-uffiċjali tal-UE u tal-impjegati nazzjonali taċ-ċivil tal-Istati Membri. Dan jirrifletti l-effett kombinat ta' żewġ varjabbli:

- L-evoluzzjoni annwali tas-salarji reali tal-impjegati taċ-ċivil fil-gvernijiet ċentrali ta' kampjun ta' għaxar Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-PDG tal-Unjoni.
- L-inflazzjoni annwali fi Brussell u fil-Lussemburgu kkalkulata bil-ponderazzjoni tal-inflazzjoni nazzjonali tal-prezzijiet għall-konsumatur kif imkejla mill-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Belġju (HICP) u l-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Lussemburgu (CPI) skont id-distribuzzjoni tal-persunal tal-UE li jservi f'dawk l-Istati Membri.

⁹ COM(2021) 561, 14.7.2021.

Fil-baġit tal-2022, ir-rata ta' aġġornament tas-salarji prevista li għandha tiġi applikata b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2022 kienet ta' 2,5 % (impatt ta' 6 xhur). Din ir-rata ġiet ikkalkulata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Novembru 2021, abbażi tal-evoluzzjoni stmata tal-kapaċità tal-akkwist u l-ġholi tal-ħajja għall-perjodu ta' referenza (1 ta' Lulju 2021 – 30 ta' Ġunju 2022), skont il-metodu preskritt fir-Regolamenti tal-Persunal.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rapport tal-Eurostat għall-eżerċizzju attwali se jinħareġ fl-31 ta' Ottubru, u se jistabbilixxi l-aġġustament tar-remunerazzjoni netta nominali tal-uffiċjali tal-UE fi Brussell u l-Lussemburgu b'effett minn Lulju 2022 sabiex jinżamm żvilupp parallel tal-kapaċità tal-akkwist mal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali fl-Istati Membri. Filwaqt li r-rapport tal-Kummissjoni¹⁰ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew se jiġi adottat biss f'Novembru, huwa xieraq li s-sitwazzjoni tiġi riveduta diġà, u mingħajr preġudizzju għal dak ir-rapport finali, peress li l-probabbiltà ta' aġġornament tas-salarji ogħla minn dik użata biex jiġi stabbilit il-baġit tal-2022 hija sinifikanti ħafna. B'mod partikolari, il-miżura uffiċjali ppubblikata tal-inflazzjoni fil-Belġju u fil-Lussemburgu għall-perjodu rilevanti hija ogħla b'mod sinifikanti minn dik prevista oriġinarjament (8.6 %). Fl-istess ħin, huwa stmat li l-kapaċità tal-akkwist fl-għaxar Stati Membri fil-kampjun se tonqos b' -3.9 %. Barra minn hekk, skont l-aħħar projezzjonijiet ekonomiċi, huwa stmat li fl-2022 il-PDG tal-UE se jilħaq il-livell ta' "qabel il-kriżi" tal-2019, u b'hekk jiskatta t-tneħħija tal-aġġornament "sospiż" tal-2020 tal-kapaċità tal-akkwist ta' 2.5 %, f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, l-aġġornament intermedju tas-salarji u l-pensjonijiet ta' 2.4 % wassal għal nefqa addizzjonali għall-ewwel sitt xhur tal-2022, li ma kinitx ġiet inkluża fil-baġit tal-2022.

L-impatt fuq is-sena finanzjarja 2023 tas-suppożizzjonijiet riveduti se jkun rifless fl-Ittra Emendatorja 1/2023 għall-Abbozz tal-Baġit għall-2023.

Peress li ż-żmien tar-rapport huwa stabbilit b'mod ċar fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal fl-aħħar ta' Ottubru, ikun tard wisq biex jiġi propost formalment abbozz ta' baġit emendatorju wara li tiġi ffinalizzata r-rata. Madankollu, skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u bbaġitjar preċiż, proposta biex jiżdiedu l-appropriazzjonijiet baġitarji relatati mas-salarji u l-pensjonijiet hija ġġustifikata.

Minbarra l-elementi ta' hawn fuq, iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija wasslet għal nefqa addizzjonali mhux mistennija sa tmiem l-2022, li teħtieġ rinforz baġitarju għall-biċċa l-kbira tal-Istituzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali relatati kollha. Għas-SEAE b'mod partikolari, huwa dovut piż addizzjonali minħabba li jkun espost b'mod snjifikanti għall-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju. B'konsegwenza ta' dan, l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha hija affettwata fil-biċċa l-kbira mit-tnaqqis fil-valur tal-euro, li jwassal għal ħtiġijiet addizzjonali mhux previsti.

B'mod ġenerali, il-proposta hija li tiżdied in-nefqa mhux differenzjata tal-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) b'EUR 163 miljun għall-2022, li minnhom EUR 11,7 miljun għall-Kummissjoni, EUR 78,2 miljun għall-persunal u l-pensjonijiet tal-Membri tal-istituzzjonijiet kollha, EUR 8,9 miljun għall-Iskejjel Ewropej u EUR 64,3 miljun għall-Istituzzjonijiet parteċipanti l-oħra kollha.

¹⁰ L-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (RP) jobbligaw lill-Kummissjoni tipprovdi *data* dwar l-impatt baġitarju tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni fid-dawl tal-aġġornament tal-2022 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-UE kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom.

L-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

Amonti f'EUR

	Baġit 2022 (inkl. BE 1-3/2022, ABE 4/2022)	Abbozz ta' Baġit Emendatorju 5/2022	Baġit 2022 (inkl. BE 1-3/2022, ABE 4-5/2022)
Pensjonijiet u Skejje Ewropej	2 332 178 613	87 067 538	2 419 246 151
Pensjonijiet	2 124 614 000	78 214 000	2 202 828 000
L-Iskejje Ewropej	207 564 613	8 853 538	216 418 151
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8 287 945 712	75 971 088	8 363 916 800
Il-Kummissjoni	3 868 129 450	11 700 000	3 879 829 450
Istituzzjonijiet oħra	4 419 816 262	64 271 088	4 484 087 350
Il-Parlament Ewropew	2 112 164 198	48 747 088	2 160 911 286
Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill	611 473 556	0	611 473 556
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	464 774 000	3 080 000	467 854 000
Il-Qorti tal-Awdituri	162 141 175	0	162 141 175
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	150 871 643	1 580 000	152 451 643
Il-Kumitat tar-Reġjuni	108 376 858	1 600 000	109 976 858
L-Ombudsman Ewropew	12 097 411	0	12 097 411
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	20 202 000	64 000	20 266 000
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	777 715 420	9 200 000	786 915 420
Total	10 620 124 325	163 038 626	10 783 162 951

L-impatt dettaljat imqassam skont is-Sezzjonijiet huwa kif ġej:

Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew

Amonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
1 0 2	Allowances Tranżitorji	28 464	28 464
1 0 0 0	Salarji	1 907 856	1 907 856
1 0 3 1	Pensjonijiet tad-diżabilità (PEAM)	4 560	4 560
1 0 3 2	Pensjonijiet tar-romol (PEAM)	46 656	46 656
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	17 015 352	17 015 352
1 2 0 2	Ħin supplementari imħallas	2 400	2 400
1 2 2 0	Allowances għall-persunal irtirat mix-xogħol jew li jingħata l-liv fl-interess tas-servizz	65 280	65 280
1 4 0 0	Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi	1 639 056	1 639 056
1 4 0 1	Aġenti oħra — Sigurtà	959 832	959 832
1 4 0 2	Aġenti oħra — Xufiera fis-Segretarjat Ġenerali	182 400	182 400
1 4 0 4	Traineeships, esperti nazzjonali sekondati, skambji ta' uffiċjali u żjarat ta' studju	240 288	240 288
1 4 0 5	Nefqa fuq l-interpretazzjoni: interpretazzjoni esterna	1 153 080	1 153 080
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	20 320 000	20 320 000
4 2 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	5 181 864	5 181 864
Total		48 747 088	48 747 088

Taqsimi III — Il-Kummissjoni Ewropea

Amonti f'EUR

Linja	Isem	Appropriazzjonijiet	Appropriazzjonijiet
--------------	-------------	----------------------------	----------------------------

baġitarja		jiet ta' impenn	jiet ta' pagament
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	11 700 000	11 700 000
21 01 01	Pensjonijiet u allowances	76 700 000	76 700 000
21 01 02 01	Pensjonijiet ta' eks Membri tal-Parlament Ewropew	1 000 000	1 000 000
21 01 02 04	Pensjonijiet ta' eks Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	514 000	514 000
21 02 01 01	Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)	362 059	362 059
21 02 01 02	Bruxelles I	1 249 985	1 249 985
21 02 01 03	Bruxelles II	2 024 297	2 024 297
21 02 01 04	Bruxelles III	1 029 839	1 029 839
21 02 01 05	Bruxelles IV	1 216 555	1 216 555
21 02 01 06	Luxembourg I	882 627	882 627
21 02 01 07	Luxembourg II	707 389	707 389
21 02 01 08	Mol	259 313	259 313
21 02 01 09	Frankfurt	329 414	329 414
21 02 01 10	Karlsruhe	97 376	97 376
21 02 01 11	Schönefeld	4 759	4 759
21 02 01 12	Almería	47 647	47 647
21 02 01 13	Varese	550 897	550 897
21 02 01 14	Bergen	91 381	91 381
Total		98 767 538	98 767 538

Taqsimi IV - Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
1 2 0 0	Pagi u allowances	1 300 000	1 300 000
1 4 0 0	Persunal ieħor	250 000	250 000
1 4 0 6	Servizzi esterni fil-qasam lingwistiku (aġenti tal-interpreti tal-konferenzi)	280 000	280 000
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	1 250 000	1 250 000
Total		3 080 000	3 080 000

Taqsimi VI — Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	1 080 000	1 080 000
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	500 000	500 000
Total		1 580 000	1 580 000

Taqsimi VII - Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	1 200 000	1 200 000
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	400 000	400 000
Total		1 600 000	1 600 000

Taqsimi IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
1 0 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	9 000	9 000

1 1 1 0	Persunal bil-Kuntratt	51 000	51 000
1 1 1 1	Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal	4 000	4 000
Total		64 000	64 000

Taqsimax – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
3 0 0 0	Rimunerazzjonijiet u intitolamenti għall-persunal statutorju	6 300 000	6 300 000
3 0 0 3	Binjiet u spejjeż assoċjati	2 900 000	2 900 000
Total		9 200 000	9 200 000

8. ĦTIĠIJET IMNAQQSA F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT

It-“Trasferiment globali” huwa eżerċizzju annwali organizzat fil-livell korporattiv fil-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba janalizzaw sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni rispettiva tagħhom tal-pagamenti tal-baġit attwali sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiggwarantixxi l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'appropriazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. Bħala riżultat, talba ad hoc għal trasferiment (skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju¹¹) tiġi ppreżentata kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill fil-bidu ta' Ottubru.

L-eżerċizzju ta' “Trasferiment globali” wera sottoimplimentazzjonxi ta' xi programmi ta' kważi EUR 2,9 biljun, li kienet parzjalment ibbilanċjata minn talbiet għal rinforzi ta' madwar EUR 2 biljun. Il-bilanċ li jifdal ta' EUR 0,9 biljun ma jistax jiġi assorbit fl-2022 u jeħtieġ li jitnaqqas biex jiġi evitat surplus fin-nefqa fl-aħħar tas-sena. Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-EU4Health b'EUR 775 miljun u EUR 129,2 miljun rispettivament.

Fir-rigward tal-FAEŻR, il-Kummissjoni għamlet analiżi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li rċeviet s'issa u tal-previżjonijiet l-aktar reċenti tal-Istati Membri ppreżentati sal-aħħar ta' Awwissu 2022. Is-sottoimplimentazzjoni mistennija hija dovuta għal żewġ fatturi. L-ewwel nett xi benefiċjarji pposponew jew saħansitra abbandunaw il-proġetti tagħhom minħabba żieda fl-ispejjeż minħabba inflazzjoni għolja. It-tieni, id-data disponibbli turi li f'xi Stati Membri, l-implimentazzjoni tal-proġetti tan-NextGenerationEU aċċellerat, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-proġetti appoġġati mill-FAEŻR naqset.

Fir-rigward tal-EU4Health, is-sottoimplimentazzjoni hija dovuta għall-proġett EUFAB, li huwa network ta' faċilitajiet dejjem sħan għall-produzzjoni ta' vaċċini u terapiji b'baġit ta' EUR 160 miljun, iffinanzjat mill-programm EU4Health. L-oġettiv tagħha huwa li tiżgura li kapaċitajiet ta' manifattura suffiċjenti u aġli jinżammu operazzjonali bejn emerġenzi tas-saħħa pubblika, sabiex ikunu disponibbli biżżejjed kapaċitajiet ta' manifattura fil-fażi inizjali ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, qabel ma l-industrija tkun żiedet il-produzzjoni. Madankollu, minħabba l-iskala kbira u l-komplessità tal-proġett, il-proċedura tal-offerti ħadet aktar żmien milli kien mistenni fil-bidu, u dan wassal għall-iffirmar tal-kuntratt lejn l-aħħar tal-2022. Għalhekk, il-pagamenti korrispondenti se jkunu dovuti fis-snin ta' wara. It-talba għal appropriazzjonijiet ta' pagament fl-Abbozz tal-Baġit 2023 diġà tinkludi l-aġġustament meħtieġ.

It-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament mitlub f'dan l-ABE huwa stabbilit hawn taħt.

¹¹ ĠU L 193, 30.7.2018.

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
06 06 01	il-Programm EU4Health	0	-129 184 830
08 03 01 02	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali — programmi tal-2014–2022	0	-775 000 000
Total		0	-904 184 830

9. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

ABE 5/2022 jipproponi li fil-baġit tal-2022 jiġi inkluż l-aġġornament tal-estimi tar-Riżorsi Propri Tradizzjonali (RPT) kif ukoll li jiġi inkorporat l-impatt tad-differenzi fir-rati tal-kambju. B'mod ġenerali, is-surplus tad-dħul huwa stmat għal EUR 3,0 biljun, li se jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tal-ING tal-Istati Membri skont dan. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta diżaggregazzjoni tal-estimi aġġornati tad-dħul għall-2022, filwaqt li d-dettalji huma pprovduti fiż-żewġ taqsimiet li ġejjin.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2022 (inkl. ABE 4)	Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2022	Ammont ġdid
1 2 0	Dazji doganali u oħrajn	20 479 800 000	3 285 000 000	23 764 800 000
2 4 0	Aġġustament għad-differenzi fir-rati ta' kambju għar-riżorsi propri	p.m.	-247 000 000	-247 000 000
	Total	20 479 800 000	3 038 000 000	23 517 800 000

9.1 Riżorsi Propri Tradizzjonali

DAB 4/2022 jinkludi l-previżjonijiet riveduti għall-2022 għan-naħa tad-dħul tal-baġit, kif maqbul fil-185ⁱⁿ laqgħat tal-ACOR tat-23 ta' Mejju 2022. Madankollu, abbażi ta' ġbir oġġetiv ta' dazji doganali mill-importazzjonijiet milli mbassar matul il-perjodu Jannar-Awwissu kif ukoll il-ġbir ta' ammonti marbuta b'mod partikolari mal-każijiet ta' sottovalutazzjoni (inkluż il-ġbir tal-pagament relatat tar-Renju Unit f'Ġunju 2022), huwa xieraq li jiġi aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Propri Tradizzjonali (RPT) għal ammont totali ta' EUR 3 285 miljun.

9.2 Differenzi fir-rati tal-kambju tar-riżorsi propri

Il-baġit tal-UE huwa stabbilit f'EURO filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma determinati fil-munita nazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri jitħallsu fi 12-il pagament parzjali kull xahar ("dodiċeżmi"). Kull pagament parzjali magħmul f'munita li mhijiex l-euro jiġi rreġistrat fil-kontijiet billi jintużaw ir-rati tal-kambju mensili tax-xahar li fih isir il-pagament.

Għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro l-baġit jiġi kkonvertit fil-munita nazzjonali billi tintuża r-rata tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena baġitarja¹². Għaldaqstant għall-2022, tintuża r-rata tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2021 biex il-baġit jiġi kkonvertit mill-euro f'munita mhux euro. Konsegwentement, kull differenza fir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu tad-"dodiċeżmu" ta' kull xahar fil-munita nazzjonali u r-rati ta' kontabilità applikabbli fix-xahar tal-pagament tad-"dodiċeżmu" jirriżultaw inevitabbilmint f'differenzi bejn l-ammonti tar-riżorsi propri f'euro previsti fil-baġit u l-ammont li fil-fatt jissarrafa.

Il-varjazzjonijiet mensili fir-rati tal-kambju jistgħu jikkumpensaw għal xulxin matul sena baġitarja. Madankollu, l-iżvilupp tar-rata tal-kambju fl-2022 s'issa huwa ġeneralment negattiv. Minn Jannar sa

¹² L-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas- 26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi propri tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.

Settembru, ġie rreġistrat total ta' tnaqqis ta' EUR 150 miljun f'differenzi fir-rati tal-kambju għar-riżorsi proprji. Għall-bqija tas-sena huwa stmat ammont addizzjonali ta' EUR 97 miljun nieqes. Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' defiċit baġitarju sa tmiem l-2022, huwa għalhekk propost li ammont ta' EUR 247 miljun nieqes jiddaħħal fil-baġit biex jiġu kkompensati d-differenzi fir-rati tal-kambju sa tmiem is-sena.

10. KUMPAĊIJA

B'mod ġenerali, żieda ta' EUR 447,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u tnaqqis ta' EUR 741,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament huma mitluba taħt il-baġit tal-2022.

L-impatt ikkombinat li jirriżulta mit-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet ta' pagament u ż-żieda tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali fuq il-kontribuzzjonijiet tal-ING huwa tnaqqis ta' EUR 3 779,1 miljun.

11. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

	Baġit 2022 (inkl. BE 1-3/2022, ABE 4/2022)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 5/2022		Baġit 2022 (inkl. BE 1-3/2022, ABE 4-5/2022)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 775 079 340	21 473 535 651	70 000 000		21 845 079 340	21 473 535 651
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>21 878 000 000</i>				<i>21 878 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>102 920 660</i>		<i>-70 000 000</i>		<i>32 920 660</i>	
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	67 644 377 865	62 052 771 658	130 814 459	-129 184 830	67 775 192 324	61 923 586 828
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>67 806 000 000</i>				<i>67 806 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>161 622 135</i>		<i>-130 814 459</i>		<i>30 807 676</i>	
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	61 314 192 324	56 350 922 710			61 314 192 324	56 350 922 710
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>61 345 000 000</i>				<i>61 345 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>30 807 676</i>				<i>30 807 676</i>	
2b. Reżiljenza u valuri	6 330 185 541	5 701 848 948	130 814 459	-129 184 830	6 461 000 000	5 572 664 118
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>6 461 000 000</i>				<i>6 461 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>130 814 459</i>		<i>-130 814 459</i>		<i>0</i>	
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	56 681 112 059	56 601 766 838		-775 000 000	56 681 112 059	55 826 766 838
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>56 965 000 000</i>				<i>56 965 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>283 887 941</i>				<i>283 887 941</i>	
Li minnu: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 368 859 305	40 393 039 132			40 368 859 305	40 393 039 132
<i>Sottolimitu massimu tal-FAEG</i>	<i>41 257 000 000</i>				<i>41 257 000 000</i>	
<i>Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni</i>	<i>800 000</i>				<i>800 000</i>	
<i>Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	<i>-618 000 000</i>				<i>-618 000 000</i>	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	<i>40 639 000 000</i>				<i>40 639 000 000</i>	
<i>Sottomarġni tal-FAEG</i>	<i>270 140 695</i>				<i>270 140 695</i>	
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	3 360 000 000	3 254 270 962			3 360 000 000	3 254 270 962
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>3 360 000 000</i>				<i>3 360 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>0</i>				<i>0</i>	
5. Sigurtà u Difiża	1 812 327 699	1 237 861 185	83 672 301		1 896 000 000	1 237 861 185
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu Massimu</i>	<i>1 896 000 000</i>				<i>1 896 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>83 672 301</i>		<i>-83 672 301</i>		<i>0</i>	
6. Viċinat u d-Dinja	17 170 442 918	12 916 051 937			17 170 442 918	12 916 051 937
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>368 442 918</i>				<i>368 442 918</i>	
<i>Limitu Massimu</i>	<i>16 802 000 000</i>				<i>16 802 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>0</i>				<i>0</i>	

7.	Amministrazzjoni Ewropea	Pubblika	10 620 124 324	10 620 224 324	163 038 626	163 038 626	10 783 162 950	10 783 262 950
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>							
	<i>Limitu Massimu</i>		11 058 000 000				11 058 000 000	
	<i>Marġni</i>		437 875 676		-163 038 626		274 837 050	
	li minnhom: Nefqa tal-istituzzjonijiet		8 287 945 711	8 288 045 711	75 971 088	75 971 088	8 363 916 799	8 364 016 799
	<i>Sottolimitu</i>		8 528 000 000				8 528 000 000	
	<i>Sottomarġini</i>		240 054 289		-75 971 088		164 083 201	
	Appropriazzjonijiet għall-intestaturi		179 063 464 205	168 156 482 555	447 525 386	-741 146 204	179 510 989 591	167 415 336 351
	<i>Limitu Massimu</i>		179 765 000 000	170 558 000 000			179 765 000 000	170 558 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>		368 442 918	467 248 692			368 442 918	467 248 692
	<i>Marġni</i>		1 069 978 713	2 868 766 137	-447 525 386	741 146 204	622 453 327	3 609 912 341
	Strumenti speċjali tematiċi		2 799 170 382	2 622 838 000			2 799 170 382	2 622 838 000
	Total tal-appropriazzjonijiet		181 862 634 587	170 779 320 555	447 525 386	-741 146 204	182 310 159 973	170 038 174 351